# RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-3 ta' Frar 2015**

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Latvijas Banka**

**(BĊE/2015/3)**

(2015/C 51/02)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni li għandu bħalissa Latvijas Banka ser jintemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2014. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2015.

(3) Latvijas Banka għażel lil KPMG Baltics SIA bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2015 sal-2019,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat illi KPMG Baltics SIA għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Latvijas Banka għas-snin finanzjarji 2015 sal-2019.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-3 ta' Frar 2015.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI